# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 26**

**Rikors numru 32/15/1 LM**

**Avukat Dr. Henry Saydon**

**v.**

**Riger Dov**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur kontra sentenza ta' nhar id-19 ta' April 2017 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-Sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il ewro (€11,914) f'servizzi legali.

## Daħla

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fl-14 ta' Jannar 2015, talab lill-Ewwel Qorti:

*"1. Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il Euro (EUR 11,914) dovuti kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 22 ta' Lulju, 2014 u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni".*

3. Illi l-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

*"1. Illi l-esponent kien ġie inkarigat mill-intimat, l-Admor ta' Malta, sabiex jagħtih assistenza legali biex jikkostitwixxi grupp ta' organizzazzjonijiet hawn Malta b'xeħta globali b'assi proġettati ta' mitejn miljun Dollaru Amerikan - (USD 200,000,000) provenjenti mingħand l-istess intimat u segwaċi kapitalisti tiegħu;*

*2. Illi l-esponent espleta l-inkarigu tiegħu, liema inkarigu kien maqsum f'diversi fażijiet, fosthom billi ta lill-intimat diversi pariri fuq kif jista' jistruttura dan ilgrupp ta' organizzazzjonijiet; assistieh fl-abbozzar tad-diversi dokumenti kostituttivi ta' dawn l-organizzazzjonijiet u tad-dokumenti interni (corporate documents); u eventwalment bl-inkorporazzjoni tal-ewwel wieħed mill-istess organizzazzjonijiet;*

*3. Illi fost affarijiet oħra, is-servizzi professjonali reżi mill-esponent kienu jikkonsistu preliminarjament f'espożizzjoni dwar il-forom varji li seta' juża lintimat biex iwettaq il-pjan tiegħu, f'diversi pariri legali fosthom dwar x'kienu l-implikazzjonijiet prattiċi u legali għall-entatijiet ġuridiċi involuti (u lpatrimonju tagħhom) u għall-protagonisti kollha l-oħra ta' dawn l-organizzazzjonijiet fosthom il-promoturi, fondaturi, amministraturi, membri fuq kunsilli u kumitati, benefiċjarji, kif ukoll f'diversi meetings mal-intimat u mal-konsulenti u personal assistants tiegħu apparti l-abbozzar ta' dokumenti legali;*

*4. Illi x-xogħol mwettaq mill-esponent ġie konkluż permezz tal-formazzjoni ta' fondazzjoni, Supreme Order of Universal Light Foundation (servizz ipprovdut bejn Novembru 2012 u 10 ta' Marzu,*

*2013), l-abbozzar tal-att għall-ħatra tal-intimat bħala Konslu Ġenerali Onorarju mir-Re tal-Kambodja (servizz ipprovdut f'Mejju 2013), l-abbozz ta' att ta' kostituzzjoni ta' Assoċjazzjoni Maltija (Universal Order of Light) u l-istatut intern tiegħu liema organizzazzjoni kellha sservi wkoll bħala Federazzjoni Internazzjonali ta' assoċjazzjonijiet u sukkursali f'kull parti tad-dinja (servizz ipprovdut bejn Lulju u Settembru 2013) u l-formazzjoni ta' Akkademja spiritwali, fejn iżda wara li nbeda x-xogħol preparattiv mill-esponent, l-intimat irtiralu l-inkarigu;*

*5. Illi l-intimat ħallas kemm għas-servizzi legali pprovduti sa Marzu 2013 (kopja tar-Request for payment annessa u mmarkata Dok A1) u kif ukoll għal dawk ipprovduti sa Mejju 2013 (kopja tar-Request for Payment annessa u mmarkata Dok B2), iżda naqas milli jħallas għas-servizzi legali relatati mal-assoċjazzjoni Universal Order of Light u federazzjoni ta' assoċjazzjonijiet pprovduti bejn Lulju u Settembru 2013, liema servizzi jammontaw għas-somma globali ta' EUR 11,914 kif muri fir-Request For Payment hawn annessa u mmarkata Dok C3, inkluża l-ittra mehmuża datata 15 ta' Diċembru, 2013;*

*6. Illi l-intimat, il-konsulenti u/jew il-personal assistants tiegħu rċevew id-diversi dokumenti preparattivi kif ukoll id-diversi verżjonijiet tad-dokumenti kostitutivi, inkluż l-istatut intern tal-Universal Order of Light, liema verżjonijiet kienu ġew emendati diversi drabi;*

*7. Illi għaldaqstant l-intimat għandu jħallas lill-esponent is-somma msemmija ta' EUR 11,914;*

*8. Illi minkejja interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut, u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali (kopja annessa u mmarkata Dok D4), huwa baqa' inadempjenti;*

*9. Illi l-imsemmi bilanċ huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-konvenut lill-attur;*

*10. Illi safejn jaf l-esponenti, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba;*

*11. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom huwa personalment;"*

4. Illi l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenut għandu jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu (*fol.*39) u l-konvenut għamel dan:

*"1. Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment, u dan stante li l-konvenut dejjem ħallas tas-servizzi professjonali kollha reżi lilu u kwindi l-istess talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

*2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ispejjeż pretiżi mill-attur u ċjoè s-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il euro (€11,914) bħala servizzi legali professjonali reżi minnu lill-konvenut relatati mal-assoċjazzjoni Universal Order of Light u federazzjoni ta' assoċjazzjonijiet, huma esaġerati u eċċessivi u ma jirrispettawx il-linji gwida stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi ulterjorment rilevat illi r-rikorrenti qatt ma informa minn qabel, lill-intimat, rigward l-ispejjeż involuti għasservizzi tiegħu, u għalhekk qatt ma seta' kien hemm ftehim fuq l-istess;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistgħu jiġu permessi skond il-liġi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti".*

5. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

*"Għaldaqstant il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet imfissra taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu".*

U dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet legali:

*"Fl-ewwel lok kif ingħad aktar qabel, il-Qorti trid teżamina l-provi mressqa mill-partijiet biex tasal għall-ftehim li kellu jirregola l-ħlas tas-servizzi legali li kien qed jipprovdi l-attur lill-konvenut.*

*Il-Qorti ssibha diffiċili tifhem kif l-attur li hu avukat u li kien hu stess li ammetta li l-konvenut mill-ewwel ma ridtx li l-ħlas għas-servizzi legali rikjesti minnu ikun ibbażat fuq l-ammont ta' sigħat li tali xogħol jista' jieħu, kif ma talabx lill-konvenut biex jagħmlu ftehim bil-miktub bejniethom li jkun jirregola b'mod ċar id-drittijiet tiegħu għas-servizzi professjonali reżi lill-konvenut. Jekk tabilħaqq l-attur kien jimxi fuq il-prassi li meta kien ikun diffiċli tgħid minn qabel kemm ser jiġu jiswew isservizzi professjonali tiegħu, kien jiċċarġja bir-rata ta' €100 fis-siegħa, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dwar dan l-attur ma talabx li ssir skrittura bejniethom biex wara ma jinqala' ebda disgwid. Quddiem il-Qrati ftehim verbali joħloq bosta problemi u kumplikazzjonijiet bla bżonn speċjalment meta fil-każ in eżami l-partijiet resqu provi kontrastanti.*

*Illi fil-kuntest tal-provi li ġew imressqa mill-partijiet, il-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża wara li teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-*

*Qrati tagħna (26 Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri, P.A., 31.05.1972, Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella, App. Inf., 02.05.1995 u Anthony Azzopardi et. noe. vs. Lapsi Holdings Limited, P.A.,19.01.2015, Theuma vs. Mercieca, Q.A, 20.02.1996, Fenech Clarke et. vs. Borg et., Q.A., 30.05.1997 u Mizzi noe. vs. Borg et., P.A., 29.09.2009.), li min jallega jrid jipprova hu dak allegat minnu, jew onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa ladarba huwa lattur li qed jallega li għad fadallu jieħu l-bilanċ ta' €11,914 għas-servizzi professjonali reżi minnu lill-konvenut, jinkombi fuqu li jipprova x'kien sewwa sew il-ftehim verbali li ġie milħuq bejn il-partijiet.*

*Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-attur effettivament ipprovda isservizzi legali kollha deskritti minnu. Din il-Qorti però ma tarax wisq rilevanza f'dak illi sostna l-attur dwar kemm din l-fondazzjoni kien ser ikollha profil pubbliku importanti jew kemm kien qiegħed ikun antiċipat li se jkollha donazzjonijiet ta' mijiet ta' miljuni. Dak li tabilħaqq kellu jgħodd għall-partijiet kien il-ftehim ta' bejniethom u ċjoè:*

> *"il-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".*

*Id-diffikultà ta' din il-Qorti, bħal f'kull każ bħal dan fejn ħafna jiddependi mill-provi prodotti mill-partijiet u fejn il-ftehim ikun wieħed verbali, u fejn terġa' u tgħid il-provi mressqa huma kunfliġġenti, hu kif ser tasal għal dak il-konvinċiment morali rikjest fil-kamp tad-dritt ċivili. Ċertament li għall- Qrati dan mhu xejn ġdid fejn ta' spiss ikunu rinfaċċjati b'verżjonijiet opposti għal xulxin meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq linterpretazzjoni tal-liġi. Fis-sentenza fl-ismijiet Beacom et vs. Spiteri Staines jingħad proprju li:*

> *"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatojja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ...(27 Q.A., 05.10.1998.)"*

*Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."( Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia, P.A., 24.11.1966 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran)*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs. Joseph Meilak(P.A., 30.10.2003.) jingħad ukoll illi:*

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli".*

*Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut (02.06.2003) irreteniet illi:*

*"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li alllura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni, liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."( P.A., 09.12.2011, Dr Elizabeth Vella M.D. vs. Bieb Bieb Limited et.)*

*Illi fin-nota studjata tal-attur isir enfasi fuq ċerti kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' Lawrence Attard Bezzina. Tqis però li dan ix-xhud kien qiegħed jixhed mingħajr ma kellu ebda dokumenti quddiemu. Tqis ukoll li dan ix-xhud bl-ebda mod ma ta l-impressjoni li ma kienx qed ikun sinċier f'dak li qiegħed jgħid. L-affidavit kemm ta' David Reginiano u anki dak tal-konvenut jgħidu ċar u tond, mingħajr ma jattakkaw il-valur u validità tax-xogħol tal-attur, li kienet ġiet stabbilita somma fissa bħala ħlas għas-servizzi professjonali kollha li l-attur irrenda lill-konvenut. Illi min-naħa l-oħra il-Qorti tqis li t-teżi tal-attur kienet qed tiġi bbażata fuq konġetturi u assunzjonijiet li huma sostnuti biss mill-kelma tal-attur, bħal pereżempju*

*"il-billing method huwa l-istess, almenu f'moħħi (Enfażi tal-Qorti.)..."*

*u*

> *"...u l-kwistjoni li ma daħlitx għax f'moħħi (Enfażi tal-Qorti.) dik kienet past and gone għax kienet għandha x'taqsam mal-fondazzjoni u mhux malassoċjazzjoni". (A fol. 203)*

*Dan meta l-ewwel ħaġa li toħroġ ċar mill-provi li ressaq l-attur kellha tkun illi l-konvenut aċċetta li jħallas lill-attur bir-rata ta' €100 fis-siegħa. Terġa' u tgħid il-mod kif din ir-rata ġiet sussegwentement awmentata unilateralment u arbitrarjament mill-attur għal €120 fis-siegħa, jitfa' dubju serju fuq il-metodu kollu ta' kif l-attur kien qiegħed jippresupponi li ser jikkonvinċi lill-konvenut sabiex iħallsu, kif del resto dan kien ħallas l-ewwel żewġ fatturi.*

*Illi mill-provi jirriżulta mhux biss li l-attur kien preċipituż meta ppreżuma li kien hemm xi rabta kuntrattwali bejnu u bejn il-konvenut, li seta' jkompli jaħdem bir-rati li allegatament kien normalment jiċċarġja ta' €100 fis-siegħa, imma kompla jassumi wkoll illi seta' jgħolli r-rata tiegħu għal €120 fis-siegħa u li dakollu kien ser jiġi aċċettat faċilment mill-konvenut, meta l-attur ma għandu xejn x'juri li l-konvenut kien qabel a priori ma' dan il-metodu ta' ħlas.*

*Tqis ukoll li apparti li l-provi mressqa mill-konvenut kienu konsistenti mill-bidu sal-aħħar, sal-punt li l-konvenut dejjem kien jinsisti li kull servizz li kien ikollu bżonn kellu jiġi stmat minn qabel kemm kien ser jiġi jiswa u li l-ħlas għal dan kien isir bil-quddiem, ma jirriżultax li kien hemm xi vinkolu kuntrattwali min-naħa tal-konvenut oltre l-ħlas li sar skont l-ewwel u ttieni fattura ppreżentati mill-attur.*

*Tqis ukoll illi għad li kellu kull opportunità li jikkonfronta lill-konvenut u lill-assistent tiegħu David Reginiano in kontroeżami, l-attur għażel li ma jagħmilx dan.*

*In vista tal-premess u fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, din il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi tista' takkolji t-talbiet tal-attur".*

6. L-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-appellant"), intavola dan l-appell nhar it-8 ta' Mejju 2017. Il-konvenut ma ressaq l-ebda risposta għal dan appell.

7. L-appell inkwistjoni huwa msejjes fuq ħames aggravji: li l-Ewwel Qorti eżiġiet grad ta' prova li mhijiex skont il-liġi ċivili (**l-Ewwel Aggravju)**; li l-Ewwel Qorti qajmet *sua sponte* difiża li ma tqajmitx mill-konvenut u simultanjament laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-ħlas tal-konvenut mingħajr ma eżiġiet prova tal-ħlas (**it-Tieni Aggravju)**; l-Ewwel Qorti applikat ħażin

jew ma applikatx il-prinċipju legali *contra scriptum testimonium non fertur* u li kieku kellu jiġi applikat dan il-prinċipju kien jirriżulta ċar liema verżjoni kienet tirrifletti l-verità (**it-Tielet Aggravju)**; l-Ewwel Qorti abbraċċat verżjoni ta' xhieda min-naħa tal-konvenut li fiha rrikonoxxiet li kien hemm kontradizzjonijiet, u dan b'kuntrast mal-verżjoni tal-attur li mkien ma ġie konkluż li kien fiha kontradizzjonijiet (**ir-Raba' Aggravju)**; il-Qorti wettqet apprezzament manifestament żbaljat tal-provi (**Il-Ħames Aggravju)**.

8. Qabel tgħaddi sabiex tindirizza l-aggravji din il-Qorti rat l-elenku ta' fatti mressaq quddiem l-Ewwel Qorti, rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa. Rat illi l-konvenut, li għandu t-titlu ta' Admor of Malta, irrikorra għand l-appellant għal servizzi legali sabiex tiġi kkostitwita fondazzjoni filantropika u eventwalment assoċjazzjoni.

9. Min-naħa waħda l-appellant isostni li kien ikkuntatjat minn persuni li jaħdmu mal-konvenut f'Novembru tal-2012 sabiex tingħata assistenza legali fil-formazzjoni tal-fondazzjoni *Supreme Order of Universal Light Foundation.* Eventwalment kien ukoll mitlub jagħti l-assistenza tiegħu sabiex tiġi ffurmata l-assoċjazzjoni bl-isem *Universal Order of Light*, kif ukoll ifassal dokumenti oħra relatati. L-iskop ta' tali persuni ġuridiċi kien sabiex jinġabru flejjes għall-proġetti ta' karità. L-appellant kien imqabbad ukoll iħejji prokura sabiex il-konvenut jinħatar bħala Konslu Ġenerali Onorarju mir-Re tal-Kambodja. L-inkarigu tal-appellant spiċċa wara li

beda jassisti lill-konvenut fil-formazzjoni tal-assoċjazzjoni u l-konvenut irtira l-inkarigu minħabba diżgwid li nqala' fuq il-ħlas, mertu ta' din il-kawża.

10. L-appellant isostni li fl-ewwel inkontru, li fl-affidavit tiegħu (*fol.*53) l-appellant jixhed li seħħ f'Diċembru tal-2012 fuq rikjesta tal-assistent tal-konvenut, ċertu David Reginiano, hu nforma lill-persuni preżenti li kien ser jiċċarġja rata fis-siegħa ta' mitt ewro *VAT* mhux inkluż (€100 exl. *VAT*). Madankollu, wara li daħlu fid-dettall ta' dak li riedu u ma ridux fir-rigward tal-fondazzjoni, l-appellant jixhed illi saħaq illi jekk il-konvenut ma kellux bżonn affarijiet kumplikati, ix-xogħol kien ser jiswa bejn elf u elf u mitejn ewro (€1,000-€1,200) u xogħol mhux relatat jitħallas bir-rata fis-siegħa. F'din l-ewwel laqgħa kien hemm preżenti David Reginiano, ċertu Professur Gerardo Iovane u l-konvenut.

11. L-appellant jgħid li wara li evalwa x-xogħol li kellu bżonn isir fuq il-fondazzjoni, u waqt it-tieni laqgħa, ikkonkluda li l-entita kienet ser tkun waħda '*high-profile'* li eventwalment testendi f'ġurisdizzjonijiet barranin u li kienet mistennija tirċievi donazzjonijiet fil-miljuni.

12. L-appellant isostni illi l-konvenut ħallas il-kont ta' tlett elef, tliet mija u erbgħa u għoxrin ewro (€3,324) għal xogħol li sar fuq il-fondazzjoni *Supreme Order of Universal Light Foundation* bejn il-5 ta' Novembru

2012 u l-10 ta' Marzu 2013 (*fol.*7). L-appellant ikkomunika mal-konvenut permezz ta' *email* (*fol.*186 u 187) sabiex jinformah li kien qed jibgħatlu fattura relatata ma' dan ix-xogħol, is-sommarju ta' liema jinsab fl-Anness 1 fl-aħħar tas-sentenza, liema Anness jifforma parti integrali ta' din is-sentenza. F'dik l-istess *email* il-konvenut ġie nfurmat ukoll illi kien qed jibgħat din il-fattura peress li l-proġett kien ser jieħu xejra oħra.

13. Jixhed ukoll illi separatament il-konvenut ħallas l-ammont ta' tliet mija u disgħa u ħamsin ewro (€359) inkluż *VAT* u ħlasijiet magħmula mill-appellant (*fol.*11) għall-*draft* ta' prokura sabiex il-konvenut ikun appuntat bħala l-Konslu Ġenerali Onorarju tar-Renju tal-Kambodja. F'din il-fattura hemm imniżżel illi: *"There were 4 to 5 hours of work (which took precedence over other work). The hourly rate charged is Euro 120, but I discounted this to a round figure of Euro 300).*

14. Il-kwistjoni odjerna qamet wara li f'Diċembru 2013, l-appellant ikkomunika mal-konvenut b'*Request for Payment* li tkopri 115-il siegħa xogħol li għalihom beda jitlob il-prezz ridott ta' ħdax-il elf, disa' mija u erbatax-il ewro (€11,914) VAT inkluż (*fol.* 14) abbażi ta' rata ta' mija u għoxrin ewro (€120) fis-siegħa. Dan ix-xogħol jidher li sar bejn Lulju u Settembru tas-sena 2013, sabiex jiġu prodotti dokumenti relatati mal-assoċjazzjoni bl-isem *Universal Order of Light.* L-appellant bagħat rendikont tax-xogħol li għamel lill-konvenut (*fol.*18).

15. L-appellant ippreżenta korrispondenza bejnu, il-konvenut u l-persuni li bdew jassistu l-konvenut rigward ix-xogħol li kien qed isir fuq l-assoċjazzjoni Universal Order of Light bejn Lulju u Settembru 2013 (*fol.*137 sa *fol.*138). Wara li l-appellant bagħat il-fattura relatata mal-assoċjazzjoni (*fol.* 19) Lawrence Attard Bezzina, li ħa post David Regignano, bagħat *email* datata l-20 ta' Diċembru 2013 (*fol.* 148) permezz ta' liema nforma lill-appellant illi:

> *"I have informed His Eminence the Admor of Malta, just before Shabbat, that you have passed on to me a hard copy of a number of documents concerning the work commissioned by him and that you have also included a "hefty" invoice with these documents.*
>
> *H. E has informed me that he has already paid you in advance for all the work requested of you and is very surprised that you have again invoiced him for this work. At no time did you inform him (or me) that you would ask more money for completing this work. He therefore asked me to inform you to desist completely from any further work on his project and on his behalf and that he will not entertain this invoice as he has already paid you in full for all the work requested of you. He also asks for the return of the uncashed cheque still in your possession".*

16. Għal din l-*email* l-appellant irrisponda *b'email* tal-20 ta' Diċembru 2013 (*fol.*149) stess bis-segwenti:

> *"…. I do confirm that the Admor sent me a payment by cheque but this was not on account of future work but in satisfaction of setting up of the SOUL Foundation. Pls referd to the (detailed!) narrative on the invoice…"*

17. Kien hemm korrispondenza oħra li segwiet bejn il-partijiet, sabiex finalment *f'email* li rċieva l-appellant mingħand Lawrence Attard Bezzina

(*fol.*152), datata s-7 ta' Lulju 2014, intqal ili:

> " *….as advised earlier there are no pending unpaid invoices. Since You were paid in advance for all the work commissioned. There is no issue if rates charged at all. You were paid in advance. Therefore kindly desist from sending any more emils or any form of correspondence on this issue".*

Għall-din l-*email*, l-appellant wieġeb li hu kien qed jifhem li l-konvenut ma riedx iħallas tax-xogħol, għal liema Lawrence Attard Bezzina kkomunika, permezz ta' *email* datata t-13 ta' Lulju 2014, illi *"You have it all wrong. The Admor paid you in advance for all the work he asked you to do."*

18. **In kontroeżami** (*fol.*195 *et seq.* u *fol.* 210 u 211) l-appellant jixhed illi għas-servizzi reżi bejn Novembru 2012 u Marzu 2013 fuq xogħol relatat mal-fondazzjoni hu tħallas. Jixhed illi mal-konvenut ftiehem fuq figura relatata max-xogħol li seħħ għall-fondazzjoni li għalih kienet ħarġet fattura (*fol.*7, 8 u 9). Jgħid li fl-ewwel laqgħa kien informa lin-nies preżenti li fejn ix-xogħol mhux faċli huwa jiċċarġja b'rata fis-siegħa. Aktar 'il quddiem il-konvenut kien informa lill-appellant li ried iwaqqaf assoċjazzjoni u akkademja. Jixhed li għax-xogħol li sar bejn Lulju u Diċembru 2013 hu qatt ma qal lill-konvenut li x-xogħol li kien qed isir kien kopert bil-fattura li kienet mogħtija għax-xogħol fuq il-fondazzjoni (*fol.*7) u eventwali ħlas. Jgħid li hu ma kienx reġa' qajjem il-kwistjoni tal-ħlas mal-konvenut *stante* li kien qiegħed jimxi bil-ftehim inizjali u f'moħħu la għamel dan il-ftehim ma kienx ser ibiddel kif jitħallas tas-servizz. Jgħid li f'kull fattura dejjem indika l-istess *billing method*. Jidher però li filwaqt li fil-

fattura relatata mal-prokura hemm indikat li kien qiegħed jitlob ħlas bir-rata fis-siegħa, dan mhux imniżżel fil-fattura relatata mal-fondazzjoni. Din il-Qorti tosserva illi għalkemm l-appellant isemmi r-rata ta' mitt ewro fis-siegħa (€100), hu talab ħlas bir-rata ta' mija u għoxrin ewro (€120) fis-siegħa, però ma tqajmet l-ebda kwistjoni fir-rigward ta' dan.

19. Ikompli li l-patt mal-konvenut kien li jagħmillu x-xogħol u joħroġ ir-*request for payments*, u li ma kienx hemm raġuni biex ibiddel is-sistema li kien juża hu. Jgħid li kien hemm ftehim verbali u li kienet it-tielet fattura biss li ma ġietx imħallsa. Jixhed li kien bagħat korrispondenza, datata d-19 ta' Marzu 2013 (*fol.*186 u *fol 205)* fejn hu nforma lill-konvenut illi:

> "…I am seeing this project taking a new direction with the introduction of new ideas. This being the case I would like to do two things before I gladly embarking down this new road:-
>
> …firstly, render account of my work to you (*please see document attached with details)* and
>
> …secondly, raise an invoice thereof (*attached for your kind attention)*…"

20. Fix-xhieda tiegħu Lawrence Attard Bezzina (*fol* 156 *et seq.)*, segretarju privat tal-konvenut li ħa post David Reginiano, jixhed li ħadem mal-konvenut bejn Ġunju 2012 u Settembru 2015, għalkemm minn xhieda oħra tiegħu stess jixhed li beda jkun involut fil-kwistjoni tal-fondazzjoni minn Marzu 2013. Attard Bezzina jisħaq illi hu kien involut mit-tieni inkontru mal-appellant 'il quddiem, u li kien hemm korrispondenza kontinwa mal-appellant. Jixhed li fit-tieni laqgħa

ddiskutew il-fondazzjoni u *off-shoots* minnha. Jixhed li jiftakar li ġie miftiehem mal-appellant li jsir pakkett ta' dokumenti relatati mal-fondazzjoni u li tiegħu kellu jitħallas ċirka tlett elef ewro (€3,000), u min-naħa oħra jixhed li fil-preżenza tiegħu ma kien sar l-ebda ftehim fuq pagament u li l-ftehim fuq il-pagament sar f'inkontru li għalih hu ma kienx preżenti. Jixhed li fir-rigward tal-aħħar *request for payment* f'Diċembru 2013, il-konvenut kien irċieva l-kont ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il ewro (€11,914) mibgħut mill-appellant u li meta ddiskuta dan mal-konvenut, kienu tal-opinjoni li dan l-ammont ma kienx dovut *stante* li dan ix-xogħol kien diġà kopert bil-ħlas ta' tlett elef, tliet mija u erbgħa u għoxrin ewro (€3,324) (*fol.*157). Jixhed li ma kienx hemm ftehim bil-miktub rigward il-ħlas iżda wieħed verbali.

21. L-istess xhud jixhed li jiftakar lill-konvenut jgħid lill-appellant li ċ-ċekk li kien ser jingħata lilu, ta' €3,324, kien *in full and final;* din il-Qorti tosserva li dan mhux ċar wisq *stante* li mill-provi jidher li ċ-ċekk li qed jirreferi għalih ix-xhud, u ċjoè ta' €3,324, kien intbagħat bil-posta lill-attur skont korrispondenza permezz tal-*email* bejn l-appellant u l-konvenut (*fol.* 186). Ix-xhud Attard Bezzina jixhed li l-konvenut kien iħallas qabel jibda x-xogħol u li x-xogħol kien għadu se jibda u li mill-memorja tiegħu kien għadda ċ-ċekk hu ta' ċirka tlett elef u ħamest mitt ewro (€3,500) lill-appellant u anke li mhux konxju li l-ħlas sar wara li nħarġet il-fattura (*fol* 7); dan jidher li huwa kontradett kemm mill-fattura datata Marzu 2013

(*fol.*7) u l-korrispondenza li segwiet bejn l-appellant u l-konvenut *qua* appellat (*fol.*186). Jixhed li l-fondazzjoni eventwalment ġiet irreġistrata f'Lulju 2013.

22. Attard Bezzina jgħid li dak imsemmi fil-fattura maħruġa għall-ammont ta' tlett elef, tliet mija u erbgħa u għoxrin ewro (€3,324), kien ftehim preliminari *stante* li wara l-iskop tax-xogħol inbidel kompletament. Ma jikkontestax li baqa' għaddej ix-xogħol bejn Mejju 2013 u Diċembru 2013. Jgħid li qatt ma ġie miftiehem li ser jitħallas xogħol bir-rata fis-siegħa u li waqt it-tieni inkontru, il-konvenut kien saqsa lill-appellant jekk iridx aktar flus u qallu le però dan mhux ċar meta seħħ. B'referenza lejn *email* tat-8 ta' April, jgħid li hu daħal fix-xena dak iż-żmien (dan jixhdu wkoll f'xhieda sussegwenti (*fol.169)*. Ġiet eżebita *email* li tgħid li l-appellant kien rċieva ċekk mill-konvenut, l-*email* kienet datata t-8 ta' April (*fol.*186). Wara jerġa' jixhed li sa Marzu 2013 ma kien sar l-ebda xogħol u li pagament ta' €3,324 kien ukoll għall-fondazzjoni u assoċjazzjoni li kienu *part and parcel.*

23. Xehed ukoll David Reginiano permezz tal-affidavit (*fol.*190), fejn stqarr illi kien jassisti lill-konvenut fuq bażi volontarja u li fir-rigward tal-affidavit tal-attur, il-fatti sa Marzu 2013 kienu korretti u li mill-esperjenza tiegħu l-konvenut, meta jingaġġa servizzi ta' professjonisti, dejjem jitlob kwotazzjoni u kien iħallas dak dovut mal-ewwel u li l-konvenut ma kienx

jaħdem b'mod "open ended", u li dejjem kien jinsisti li jkun jaf kemm ser tkun il-miżata qabel jibda x-xogħol u ma jaħdimx ma' professjonisti li jitolbu ħlas bis-siegħa. Wara Marzu 2013 Reginiano ma baqax involut.

24. Xehed il-konvenut permezz tal-affidavit *(fol.*192), fejn stqarr illi fl-ewwel laqgħa li kellu mal-appellant, u li kien hemm preżenti fih David Reginiano u Professor Gerardo Iovane, kienu ftehmu mal-attur li kienu ser iħallsuh ammont li bejn wieħed u ieħor kien ta' tlett elef ewro (€3,000) għall-biċċa xogħol kollha relatata mal-fondazzjoni. Jixhed li kien ħaseb li l-miżata kienet għolja però kien saqsa lill-attur jekk din kinitx biżżejjed u l-attur kien aċċetta li din kienet biżżejjed, u b'hekk f'Marzu kien għadda l-pagament. Jgħid li kien sorpriż li rċieva kont ta' tmintax-il elf ewro, eventwalment ridott għal dak mitlub fil-kawża odjerna, u li l-fatt li dan ġie skontat mill-appellant stess juri li dan l-ammont ma kienx dovut. Jgħid li qatt ma ffirma xi forma ta' ittra ta' ingaġġ u anqas waslu għal xi ftehim verbali rigward dan, u li kieku kien jaf li ser jintalab iħallas tali ammont ma kienx jinkariga lill-appellant.

25. Illi qabel ma ressaq din l-azzjoni, l-appellant intavola ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (*fol* 15). Illi in atti ma hemmx prova jekk din l-ittra ġietx notifikata jew inkella mwieġba. Spejjeż tar-reġistru huma mniżżla fuq l-istess dokument u ma ġiet ippreżentata l-ebda taxxa ulterjuri.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

26. Din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-ħames aggravju *stante* li dan jindirizza l-apprezzament tal-provi u tqis li b'dan l-aggravju sorvolat, din il-Qorti tkun tista' tiddetermina l-kweżit miġjub quddiemha.

**Il-Ħames Aggravju**

27. L-appellant, permezz tal-Ħames Aggravju tiegħu jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament żbaljat tal-provi tant li nħolqot inġustizzja fil-konfront tiegħu. Jgħid li l-verżjoni tal-konvenut li hu ħallas minn qabel (*in advance)*, hija kontradetta mill-*emails* u dan *stante* li l-ewwel fattura tħallset hekk kif tlesta x-xogħol fuq il-fondazzjoni għall-ħabta ta' Marzu 2013. Jgħid li hu kontradett mid-dettall li hemm imsemmi fl-ewwel fattura, li jsemmi l-i*stipulated price* ta' €1,200 u l-miżata addizzjonali għal xogħol addizzjonali u li din il-fattura ma ġietx kontestata. Din il-Qorti tifhem li l-appellant qed jagħmel referenza għall-fattura ta' Marzu 2013 (*fol.*7). Jgħid illi għalkemm ġie aċċettat mill-Ewwel Qorti illi l-attur kellu jifforma erba' entitajiet, fl-affidavit tal-konvenut jingħad illi l-attur kellu biss jaħdem fuq il-fondazzjoni u xejn aktar. Iżid illi xi drabi l-konvenut isemmi biss il-fondazzjoni, meta fl-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut isemmi l-assoċjazzjoni wkoll. Illi l-ġudizzju tal-Ewwel Qorti mar kontra l-

prinċipju ta' *omnis labor optat premium* għaliex l-attur baqa' mhux imħallas għax-xogħol li għamel.

28. Konsegwentement jirriżulta li inizjalment il-qofol ta' din il-kwistjoni huwa jekk il-ħlas magħmul mill-konvenut għas-servizzi relatati mal-fondazzjoni kienx ikopri wkoll ix-xogħol fuq l-assoċjazzjoni jew jekk kienx hemm ftehim li l-appellant kien se jitlob ħlas bir-rata fis-siegħa għal xogħol oltre dak miftiehem. Li għandu jiġi indirizzat ukoll huwa dak relatat mal-prinċipju *omnis labor optat premium.*

29. Dak li jitlob l-attur huwa li jsir riapprezzament tal-provi. Ma hemmx għalfejn jingħad li għalkemm il-Qorti tat-tieni istanza ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti b'mod leġġer, madankollu, fejn tara li hemm iċ-ċirkostanzi li jitlob mit-tieni qorti li tagħmel dan, dan isir:

> *"Il-qorti tosserva, qabel xejn, b'referenza ghal-dak li jinghad fl-ewwel paragrafu tat-twegiba tal-konvenuti, illi l-konvenuti jaghtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti maghmul minn qorti tal-ewwel grad hlief f'cirkostanzi eccezzjonali. Il-Qorti tal-Appell ghandha awtonomija shiha fl-apprezzament tal-fatti u ghandha kull setgha tinterpreta l-fatti mod iehor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidhol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semghet viva voce qorti ta' revizjoni ma hijiex sejra facilment tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konkluzjoni tal-ewwel qorti meta din tkun ghazlet bejn zewg possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tikkorregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat irrispettivament mill-gravità tal-izball. Izzid tghid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bhal taghna fejn jezisti grad wiehed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qieghda*

> *tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*[1]"

30. Il-Qorti wara li fliet is-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-provi mressqa tqis illi jeżistu ċirkostanzi fejn isir ir-riapprezzament tal-provi.

31. Indirizzat dan jingħad illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-appellant renda servizzi legali lill-konvenut matul il-perjodu Novembru 2012 sa Diċembru 2013. Din il-Qorti tosserva illi jidher ċar illi kien hemm tliet inkarigi mogħtija lill-appellant, wieħed relatat mal-fondazzjoni, ieħor relatat mal-prokura għall-inkarigu ta' Konslu Ġenerali Onorarju tar-Renju tal-Kambodja u ieħor relatat mal-assoċjazzjoni. Il-kontestazzjoni hi jekk il-ħlas li sar fir-rigward ta' xogħol li sar fuq il-fondazzjoni, sarx ukoll bħala ħlas għax-xogħol fuq l-assoċjazzjoni jew jekk l-appellant ġiex imħallas biss għall-xogħol li għamel sa qabel beda jaħdem fuq l-assoċjazzjoni f'Lulju 2013, u b'hekk huwa dovut l-ammont rikjest minnu.

32. Il-konvenut jinsisti li hu ħallas ċekk wieħed għas-servizzi kollha. Il-konvenut stess u x-xhieda mressqa minnu jgħidu illi l-konvenut kien iħallas għas-servizzi akkwistati minnu, qabel ma kien ikun lest ix-xogħol. Jgħid li l-istess għamel f'dan il-każ u li peress li kien ta pagament lill-attur f'Marzu 2013 kien sorpriż meta rċieva kont ieħor ftit xhur wara, u ċjoè f'Diċembru 2013, *stante* li jisħaq li dak li ftehmu mal-appellant kien li dak

[1] App. Ċiv. 891/14 JRM -Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat – Prim Ministru, l-Onor. Et- Deċiża 14 ta' Diċembru 2018.

il-pagament (ta' €3,324) kellhu jkopri x-xogħol kollhu li sar wara.

33. L-appellant, min-naħa l-oħra, jgħid illi fl-ewwel laqgħa kien miftiehem verbalment li fejn ix-xogħol isir kumplikat ma jibqax jitlob ħlas b'rata fissa iżda b'rata fis-siegħa. Jgħid illi meta lesta x-xogħol relatat mal-fondazzjoni hu bagħat fattura, dan kien f'Marzu 2013. Jgħid illi għal xogħol ieħor, senjatament għall-prokura sabiex il-konvenut jiġi nnominat bħala l-Konslu Ġenerali Onorarju tar-Renju tal-Kambodja, hu talab ħlas bir-rata ta' mija u għoxrin ewro (€120) fis-siegħa u li dan kien indikat fuq il-fattura, kif infatti jidher.

34. Il-partijiet b'hekk ma jaqblux li fl-inkontru inizjali l-appellant kien saħaq illi hu jitlob ħlas b'rata fis-siegħa meta s-servizz rikjest ma jibqax wieħed sempliċi u għall-servizzi oltre dawk miftiehma fuq il-fondazzjoni. Jisħaq illi kien qed joħroġ il-fatturi u dawn jitħallsu. Jgħid li tħallas ta' żewġ fatturi qabel ħareġ it-tielet waħda u ma reġax iddiskuta mal-klijent ir-rati applikabbli.

35. Kif osservat l-Ewwel Qorti, il-fatt li ma teżisti l-ebda ittra ta' ingaġġ bejn il-partijet tikkumplika s-sitwazzjoni:

> *"Il-Qorti ssibha diffiċili tifhem kif l-attur li hu avukat u li kien hu stess li ammetta li l-konvenut mill-ewwel ma ridtx li l-ħlas għas-servizzi legali rikjesti minnu ikun ibbażat fuq l-ammont ta' sigħat li tali xogħol jista' jieħu, kif ma talabx lill-konvenut biex jagħmlu ftehim bil-miktub bejniethom li jkun jirregola b'mod ċar id-drittijiet tiegħu għas-servizzi professjonali reżi lill-konvenut. Jekk tabilħaqq l-attur kien jimxi fuq il-*

> *prassi li meta kien ikun diffiċli tgħid minn qabel kemm ser jiġu jiswew isservizzi professjonali tiegħu, kien jiċċarġja bir-rata ta' €100 fis-siegħa, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dwar dan l-attur ma talabx li ssir skrittura bejniethom biex wara ma jinqala' ebda disgwid. Quddiem il-Qrati ftehim verbali joħloq bosta problemi u kumplikazzjonijiet bla bżonn speċjalment meta fil-każ in eżami l-partijiet resqu provi kontrastanti".*

36. Madankollu, din il-Qorti tqis li f'dan il-kaz għandha tirrevedi l-provi u tiddeċiedi jekk il-ġudizzju tal-Ewwel Qorti kienx raġonevoli. Huwa minnu li min jallega jrid jipprova, u l-appellant xejn ma jagħmel l-affarijiet faċli għalih innifisu, madankollu din il-Qorti tara li jeżistu indizzji li jagħtu ħjiel fuq ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet.

37. Fil-każ odjern il-prinċipju legali *contra scriptum testimonium non fertur* jieħu xejra diversa tant li għalkemm bejniethom il-partijiet ma kellhomx xi kuntratt bil-miktub, madankollu din il-Qorti, wara li fliet kopja tal-fattura datata Marzu 2013 (*fol.*7), tqis li huwa aktar verosimili li l-appellant qed jagħmel referenza biss għal xogħol li għamel bejn il-5 ta' Novembru 2012 sal-10 ta' Marzu 2013, kif jidher biċ-ċar mill-istess dokument, u mhux għal xi xogħol futur.

38. Din il-Qorti tinnota illi għalkemm fil-*header* tal-fattura hemm imniżżel Soul Foundation and the Order of Universal Light, madankollu fid-deskrizzjoni tas-servizzi mogħtija minnu (kif riprodotta f'Anness 1), huwa ċarament indikat illi l-fattura hija "*in the context of the setting-up of SOUL Foundation*". Il-fattura hija maqsuma f'erba' taqsimiet u ammontat għal tlett elef u tliet mija, u erbgħa u għoxrin ewro (€3,324), u kif jidher

f'Anness 1 tinkludi xogħol relatat mal-fondazzjoni. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju, kuntrarjament għall-dak allegat mill-konvenut, li din il-fattura ma kinitx intiża sabiex tkopri xogħol futur.

39. Din il-Qorti fliet ukoll il-fattura relatata mal-prokura li tindika r-rati bis-siegħa li kien jutilizza l-appellant, il-korrispondenza li bagħat l-appellant waqt li kien qed jaħdem fuq l-assoċazzjoni u s-sigħat ta' xogħol prodott minnu, u tqis li għalkemm mhux eskluż għalkollox li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni ċara bejn il-partijiet, jeżistu diversi indizzji li jippuntaw għall-fatt li l-appellant kien qed jistenna ħlas hekk kif jikkonkludi x-xogħol fuq l-assoċjazzjoni.

40. Illi anke jekk eżista dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet din il-Qorti tifhem illi fid-dawl mhux biss tal-fattura ta' Marzu 2013, iżda anke fid-dawl tal-korrispondenza li saret fir-rigward tax-xogħol fuq l-assoċjazzjoni, liema xogħol jidher li baqa' għaddej sa Settembru 2013 u li saru xi *follow-ups* wara (*fol.*132 sa *fol.* 148), u fid-dawl ta' korrispondenza oħra in atti nkluż *email* fejn l-attur jgħid li kien ser jibgħat fattura qabel tibda t-tieni fażi tax-xogħol, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li x-xogħol kollu li sar sa Diċembru 2013, kien mistenni li ser ikun kopert bil-fattura ta' Marzu 2013.

41. Din il-Qorti b'hekk tinsab konvinta illi dak li tħallas għalih l-appellant

kien biss għax-xogħol li hu għamel sa Marzu 2013. Illi anke jekk il-partijiet ma jaqblux fuq dak li ntqal fil-ftehim inizzjali jidher mill-korrispondenza li sar ammont ta' xogħol bejn Lulju 2013 u Diċembru 2013, li l-appellant spjega permezz ta' rendikont li ta u li dan ix-xogħol huwa ċarament distint mix-xogħol li kien għamel l-appellant sa Marzu 2013 u li mhux imniżżel f'dik il- fattura (*fol.*7); anke għax kien għadu ma sarx u ma kienx anqas jidher ċar x'kellhu jsir.

42. Jerġa' jingħad li ma jiġix eskluż li forsi l-kliem ma kienx ċar bejn il-partijiet, madankollu min qed jirċievi servizz, speċjalment fid-dawl ta' komunikazzjoni kostanti mingħand professjonist legali, għandu wkoll jikkonferma, anke bil-miktub hu stess, x'pagament hu mistenni minnu u mhux jagħżel li jibqa' fil-għama. Illi tenut kont il-proġett li kien ser isir u l-profil għoli li kien mistenni li ser ikollu, din il-Qorti mhux konvinta li l-konvenut ma stenniex li kellu jħallas tal-kumplament tas-servizz mogħti lilu. Mix-xhieda jidher biċ-ċar li kwalunkwe ħlas sar għall-fondazzjoni u ma jsegwix li l-konvenut allura kellu jaħseb li dan kien ser ikopri xogħol estensiv ieħor fuq l-assoċjazzjoni.

43. Illi b'referenza anke għall-kawża ċitata mill-Ewwel Qorti u ċjoè dik fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** (P.A., 30.10.2003.):

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-*

*probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli".*

Din il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dan kollu ma tistax b'hekk taqbel mal-Ewwel Qorti.

44. F'kull każ, mhux kontestat illi l-appellant għamel ix-xogħol. Il-konvenut u x-xhieda mressqa minnu jagħrfu d-distinzjoni, anke jekk mhux intenzjonalment, bejn ix-xogħol fuq il-fondazzjoni u l-assoċjazzjoni.

45. Illi fuq kollox, u *in linea* mal-prinċipju *omnis labor optat premium,* persuna għandha titħallas ta' dak ix-xogħol li tkun għamlet. Illi hawn issir referenza għall-kawża bl-ismijiet ***Lecocqassociate Limited (C-51053) v. Audentia Capital SICAV p.l.c. (SV 207)***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Marzu 2023, fejn intqal illi:

*"19. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-punt tat-tluq għandu jkun mill-fatt inkontestat li l-ftehim oriġinali kien li kellha tiġi applikata flat rate sabiex titwaqqaf is-soċjetà konvenuta. Kif ingħad qabel, is-soċjetà konvenuta twaqqfet fis-26 ta' Ottubru, 2011, mentri ġiet liċenzjata fl-aħħar tas-sena 2011 (ara xhieda ta' Elaine Bonnici in rappreżentanza tal-MFSA a fol 88 u fil-fatt mis-sit tal-MFSA tirriżulta liċenzjata sa mis-7 ta' Diċembru, 2011). Skont il-fatturi maħruġa mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li hija għamlet sena sħiħa taħdem għas-soċjetà konvenuta, wara li din twaqqfet. Huwa prinċipju fundamentali li omnis labor optat praemium sakemm ma jirriżultax il-kuntrarju. Dan jinsab ribadit fil-ġurisprudenza tagħna meta ngħad li: "kull xogħol għandu jiġi mħallas" u li "ma hemmx dubju li wieħed ma jistax jassumi l-attur irrinunzja għall-pagament" (Vol. XXXVIII.pt.II.pg.568).*

*Hekk ukoll, kif ingħad aktar recentement minn din il-Qorti fis-sentenza*

*tagħha tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur:*

> *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium."*
>
> *(Ara wkoll is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Nutar Dr. Remigio Zammit Pace v. Sunrise Park Hotels Ltd. (C 2587) u Paul Debono għal kull interess li jista' jkollu, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-20 ta' Novembru 2009.)*

*20. Kwindi, għalkemm ma jirriżultax li kien hemm ftehim bil-miktub dwar ir-rati li bihom is-soċjetà attriċi kellha titħallas għal dan ix-xogħol addizzjonali, is-soċjetà konvenuta ma tistax tippretendi li dan ix-xogħol kollu li twettaq fuq medda ta' sena, sar b'mod gratuwitu. Wara kollox, lanqas jista' jingħad li s-soċjetà konvenuta kienet sorpriża bil-pretensjonijiet attriċi, meta wieħed jikkonsidra li l-ewwel żewġ kontijiet inħarġu f'Marzu 2012, mentri mill-korrispondenza tad-19 ta' Lulju, 2012, (ara fol. 191) jirriżulta ċar li kien sar diskors bejn ir-rappreżentanti tal-kontendenti fil-kawża, fis-sens li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tippretendi ħlas għax-xogħol addizzjonali mwettaq minnha, kif ukoll risposta skjetta fis-sens "We have had to spend a lot of time doing these changes and you have been advised that this is not a free service." (fol. 190) Wara din il-korrispondenza, is-soċjetà konvenuta baqgħet tinkariga lis-soċjetà attriċi b'diversi xogħlijiet. Dawn il-provi jikkorroboraw il-verżjoni attriċi. Għalhekk minkejja n-nuqqas ta' ftehim formali bejn il-kontendenti fil-kawża dwar ir-rati li kellhom jiġu applikati għax-xogħlijiet addizzjonali, jibqa' veljanti l-prinċipju li min jaħdem ikun qiegħed jagħmel dan bil-fehma li ser jitħallas, fin-nuqqas ta' prova ċara li dak ix-xogħol kien qiegħed jitwettaq gratuwitament. Prova f'dan is-sens ma tressqitx da parti tas-soċjetà appellanti. Kwindi jiġi osservat li għalkemm huwa minnu li ma sar l-ebda kontro-eżami ta' Llaneza, min-naħa l-oħra jista' jingħad li tressqu provi aktar kredibbli jew attendibbli li jsostnu t-teżi tas-soċjetà attriċi appellata. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti u jsegwi li lanqas dan it-tieni aggravju ma jista' jintlaqa'.[2]"*

Huwa minnu li kuntrarjament għall-każ hawn ċitat, ma jidhirx li l-appellant reġa' qajjem il-kwistjoni tal-pagament, kif anke jammetti huwa stess fix-xhieda tiegħu, ħlief kif lesta x-xogħol, u huwa minnu li skont ix-xhieda tal-

---

[2] App. Ċiv. 194/15/1.

konvenut u l-kollegi tiegħu, kienu taħt l-impressjoni illi b'xi mod kellu jsir pagament wieħed. Madankollu x-xogħol sar, tant li l-appellant ġie ordnat sabiex jieqaf jaħdem. Għal żewġ inkarigi separati l-appellant tħallas. Konsegwentement isegwi li l-appellant għandu jiġi mħallas għax-xogħol magħmul minnu dwar l-inkarigi l-oħrajn.

46. Illi b'referenza għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut[3] jingħad illi l-konvenut ressaq biss nota b'linji gwida tal-Kamra tal-Avukati datata s-sena 2008 wara li ġew preżentati n-noti ta' sottomissjonijiet, u dan mingħajr indizzji jew spjega ta' liema miżati għandhom japplikaw għax-xogħol inkwistjoni. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-15 ta' Novembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Aquilina et v. Anthony Pavia et***:*

> *"(1) Fejn jezisti kuntrast fuq ix-xoghlijiet ezegwiti jinkombi fuq l-attur il-piz li jipprova l-entita` u l-konsistenza taghhom;*
>
> *(2) Inversament, l-oneru li l-valur tax-xoghlijiet huwa esagerat jew eccessiv jaggrava fuq il-konvenut li jressaq din l-allegazzjoni b'difiza kontra t-talba ghall-hlas tal-kreditu pretiz jew ta' kull bilanc tieghu..." (enfasi ta' din il-Qorti)*

Illi din il-Qorti ma tqisx li l-konvenut għamel dan.

47. Din il-Qorti qiegħda b'hekk tilqa' dan l-aggravju u tastjeni milli tieħu

[3] *2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ispejjeż pretiżi mill-attur u ċjoè s-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il euro (€11,914) bħala servizzi legali professjonali reżi minnu lill-konvenut relatati mal-assoċjazzjoni Universal Order of Light u federazzjoni ta' assoċjazzjonijiet, huma esaġerati u eċċessivi u ma jirrispettawx il-linji gwida stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati;*

konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tal-aggravji.

**Deċide**

48. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu u b'hekk tħassar u tirrevoka s-Sentenza tal-Ewwel Qorti, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il ewro (€11,914) bl-imgħaxijiet legali għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż tal-ewwel u tat-tieni istanza jitħallsu mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

**Anness 1 :**

a. SOUL Foundation - STEP 1 (a charitable foundation).

a. Meeting – initial meetlng to set up a charitable foundation;

b. AML- conducting basic 'know your customer diligence' on the Founders;

c. Power of Attoney - Drafting of powers of attorney so that Gerardo authorises David to establish foundation (meeting 1);

d. Initial Meeting - Attending meeting with the Founders so as to understand the type of foundatilon they wished;

e. Internal Statute - Review of Internal Statute prepared by Founders and suggestions to the Internal Statute made by email;

f. Deed of Constitutlon - drafting the deed of constitutlon and dovetaling the same with the Internal Statute;

…..

Stipulated Price: Euro 1,200

g. Meeting (out of office)-meeting so that I could explain the structures available to the Founders and they could decide on the structures and legal protections available to administrators of a Foundation;

h. Meeting requested on a public boliday at Founders' residence

Euro 500

b. SOUL Foundation - STEP 2 (a multi-cell private foundation).

a. Meeting – Client rejected the idea of having a charitable foundation and requested that a private foundation structure was drawn up and a new statute drafted;

b. New Deed of Constitution - Drafting of statute for a multi-cell private foundation;

c. Email explaining changes;

d. Meeting - Attending a further meeting with all the founders administrators so as to explain the amended structure and implications thereof;

e. Corporate. Review of statute of Africa Ltd and asdvise relating to why this company should not be used (email);

EUR1,000

c. SOUL Foundation - Step 3 (a multi-cell charitable foundation)

a. Meeting (out of office) - Client rejected the ídea of having a

private foundation and reverted to a charítable foundation structure;

D. Meeting with Service Providers - organizing a further two meetings with three potential service providers in Valletta with David. Liaising with service providers by email and phone to obtain quotes for various sevices;

Euro 100

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm